# STEJJER MILL-KOTBA MQADDSA ANTIK TESTMENT

## IT-TELFA TAL-FARAWN



Mose' u huh Aronne marru kemm il-darba ghand il-Farawn jitolbuh biex ihalli lill-poplu Lhudi jitlaq mill-Egittu. Imma r-re ta' l-Egittu dejjem kien izomm iebes, minkejja li Alla kien jibghat il-kastigi horox tieghu fuq l-egizzjani.

Fl-ahhar il-Farawn ma felahx aktar il-kastigi ta' Alla ghaliex Alla baghat lil anglu tieghu biex jeqred l-ewwel wild ta' kull familja egizzjana. Billi bezghu ghal hajjithom, l-egizzjani baghatu 'l barra lil Izraelin kollha bin-nisa u t-tfal taghhom flimkien mal-bhejjem u dak kollu li kellhom.

Hargu fid-dezert u Alla ghamlilhom kolonna tas-shab matul il-jum biex tmexihom u turihom it-triq tal-helsien u matul il-lejl kienet tkun il-kolonna tan-nar li tiggwidhom.

Il-Farawn meta ra li r-renju tieghu hekk fallut, intela' qilla ghall-poplu lhud u gabar l-armata tieghu biex jmur warajhom fid-dezert tal-Bahar l-Ahmar halli jerga' jgibhom lura fl-Egittu.



# IL-BIBBJA L-KELMA T'ALLA GHALIK

Il-poplu beza' meta ra l-Farawn bl-armata tieghu warajh u gerger kontra Mose' talli gabhom hemm ghaliex qalulu li ahjar baqghu lsira milli jigu maqtula hemm fid-dezert.

Mose' serrhilhom rashom biex jafdaw f'Alla li bil-hila tieghu hargu mill-jasar ta' l-Egittu. U hekk hu li l-kolonna tan-nar u tas-shab li kienu hemm biex jiggwidawhom inqalghu mill-quddiem tal-kamp u marru fuq n-naha ta' wara hekk li firduhom mill-qawwiet tal-Farawn.



Imbaghad Alla kkmanda lil Mose biex jixref il-bastun tieghu fuq il-bahar u l-ilmijiet inqasmu fi tnejn qishom zewg hitan, wiehed fuq ix-xellug u l-iehor fuq il-lemin . Il-passag tan-nofs kien niexef u l-folla tal-lhud setghet taqsam ghan-naha l-ohra tax-xatt. Meta l-egizzjani raw dan haffu ghal warajhom imma lkoll mietu meta l-ilmijiet regghu inghaqdu flimkien ghaliex il-Mulej ordna lil Mose biex jixref idu fuq l-bahar u dan sar bhal ma kien qabel. U t-telfa ghal-egizzjani kienet kbira hafna f'dak il-jum ghax l-armata biz-zwiemel kollha gherqet u sfat fix-xejn.

U hekk dak in-nhar Alla salva lill-poplu tieghu.





## WIEGEB DAWN IL-MISTOQSIJIET

1. Liema kien il-kastig li ghalih kellu jcedi l-Farawn u jhalli lill-Lhud jitilqu mill-Egittu?
2. Kif kienu gwidati l-poplu t'Alla biex jimxi fid-dezert?
3. B'liema mod irnexxilhom jaharbu l-lhud mill-Farawn?
4. X'qal Alla lil Mose' biex jaghmel?
5. X'kien it-tmiem ta' l-egizzjani?